Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10228 — Advent/Mondial Relay)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 170/10)

1. Fit-30 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Advent International Corporation ("Advent", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Mondial Relay SAS ("Mondial Relay", Franza).

Advent, indirettament permezz ta' InPost SA, takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Mondial Relay kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Advent: fond ta' investiment ta' ekwità privata ffukat fuq l-akkwist ta' ishma azzjonarji u l-ġestjoni ta' interessi f'diversi setturi, inklużi s-servizzi tan-negozju u dawk finanzjarji; prodotti u servizzi industrijali; operazzjonijiet ta' bejgħ bl-imnut, prodotti tal-konsumatur tad-ditta, u servizzi ta' divertiment; il-media, it-telekomunikazzjonijiet u t-teknoloġija tal-informazzjoni; u s-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-farmaċewtiċi. Permezz tal-kumpaniji ta' portafoll ikkontrollati tiegħu, Hermes UK, Hermes Germany u InPost SA, Advent hija attiva fis-servizzi tan-network "Pick-Up & Drop-Off" ("PUDO") u servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar fir-Renju Unit, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Italja, rispettivament, u sa ċertu punt f'konsenji transfruntiera,

— Mondial Relay: kumpanija attiva fil-forniment ta' servizzi tan-network PUDO u servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar fi Franza, il-Belġju, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall u Spanja. Sa ċertu punt, Mondial Relay hija attiva wkoll f'kunsinni transfruntiera.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10228 — Advent/Mondial Relay

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.